QALA

Ref Nru: 38

Il-minuti tat-tmienja u tletin laqgha tal-hames legislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Hamis 21 t' Ottubru 2010, fil-5:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg. |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri. |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg.<br>Victor Grech.<br>Jesmond Borg. |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tas-sebgha u tletin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tas-sebgha u tletin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 *Picnic area* parti mill-progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala.**

3.1 Is-Sindku semma li ser jinhadmu zewg *gazebo's* mid-Dipartiment tal-*Parks* fi hdan il-Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali. Dawn ser jinghataw b'xejn lill-Kunsill u kull mhu ser ihallas il-Kunsill huwa ta' l-ispejjes tat-trasport minn Malta ghal Ghawdex sabiex ikunu jistghu jingabu dawn il-*gazebo's*. Huwa semma li ser isiru zewg *platforms* tal-konkos ghal dawn il-*gazebo's*. Huwa semma li saret *platform* tal-konkos ghall-*photovoltaic panels*. Huwa semma li saret trinka sabiex jitqabbdu l-PV's mas-sistema tad-dawl li hemm fil-kaxxa fil-*picnic area*. Il-Kunsill ser jinghata madwar €47,000 mill-*Urban Improvement Fund* ta' l-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghall-installazzjoni ta' dawn il-panelli. Giet mibghuta ittra lil Peter Muscat li joqghod 18, Triq l-Ispiera, Xaghra, fejn gie mitlub sabiex jnehhi l-annimali li huwa ghandu fl-ghar li jinsab f'din l-*area* fejn qed isir il-progett. Is-Sindku semma wkoll li saret talba lil Kunsill mit-34U sabiex xi barranin jigu jhawwlu sigra fil-*picnic area*, s-Sindku semma li dawn gew u hawwlu s-sigar.

**4** ***Security camera's*** **fil-*picnic area* fi Triq l-Imgarr, Qala.**

4.1 Is-Sindku semma li ser jigu nstallati l-*security camera's* fil-*picnic area* fi Triq l-Imgarr, Qala.

**5** **Tkomplija tax-xoghol ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin.**

5.1 Is-Sindku semma li qed jitkompla x-xoghol tar-restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin. Huwa semma li x-xoghol fuq gewwa ta' din il-fortizza kwazi lest. Huwa semma wkoll li giet mibghuta ittra lill-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex il-process ta' l-applikazzjoni ghal bdil fil-pjanti tal-permess originali, jithaffef.

**6** **Terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-iskrivan Jonathan Mifsud mill-Kunsill Lokali. – *Community Work Scheme* u l-intervisti ta' din il-vakanza.**

6.1 Is-Sindku semma li l-iskrivan tal-Kunsill Jonathan Theuma bghat ittra li mhux ser jibqa jahdem fil-Kunsill peress li gie offrut impjieg iehor. Is-Sindku semma li saret talba lill-Korporazzjoni ghall-Impjieg u Tahrig sabiex jintbghat xi hadd addattat ghal *receptionist/clerk* mill-iskema Xoghol fil-Komunita` sakemm jigi impjegat skrivan iehor. Giet mibghuta persuna mill-Korporazzjoni li huwa Stephen Moon bhala *receptionist*. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Carmen Zammit mill-Korporazzjoni fejn bghatet lista ta' kandidati fil-*part 2* li ser jibghatu c-CV taghhom lill-Kunsill. Nhar it-Tlieta 19 ta' Ottubru 2010 saru l-intervisti lil dawk il-kandidati li bghatu c-CV taghhom mill-istess bord li ghamel l-intervisti lill-kandidati tal-*part 1*. Ghall-intervisti attendiet persuna wahda biss li huwa Andrew Vassallo. Il-Kunsillier Victor Grech li huwa fil-bord semma li Andrew ghadu qed jistudja sabiex jilhaq livell oghla ta' edukazzjoni u jekk jigi impjegat mal-Kunsill jista jkun il-kaz li f'xi stadju jtemm l-impjieg tieghu mal-Kunsill. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Carmen Zammit fejn giet informatha b'dan u sabiex il-Kunsill ikun jista jghaddi ghal procedura li jmiss, li l-Kunsill semma hija l-*part 3*. Gie diskuss li wara li jsiru l-intervisti tal-kandidati tal-*part 3*, l-Kunsill ma jkunx sodisfatt, il-pass li jmiss hu li jsir sejha ghal pubbliku ghal din il-vakanza fil-gazzetti lokali.

**7** **Sala tal-Kommunita` fic-Centru Civiku Qala – Bidu tax-xogholijiet.**

7.1 Is-Sindku semma li nghata bidu ghall-preparamenti ghax-xogholijiet fis-Sala tal-Kommunita` fic-Centru Civiku Qala.

**8** ***European Agriculture Funds for Rural Development*** **– applikazzjoni 323 – Iffirmar tal-kuntratt.**

8.1 Is-Sindku semma li nhar is-Sibt 11 ta' Settembru 2010 gie iffirmat il-Kuntratt *Rural Development Programme 2007-2013 – Measure 323 – Conservation and upgrading of the*

*Rural Heritage*. Gie trattat dan il-kuntratt. Giet trattata ittra mibghuta minn Joseph Caruana *Chairperson, Project Selection Committee* mill-Agenzija ghall-Pagamenti fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali dwar din il-materja.

**9 Trasport tan-nar piroteknika mill-lokalita` tal-Qala.**

9.1 Is-Sindku semma li wara t-tragedja ta' l-ispluzjoni ta' kamra tan-nar fl-Gharb, kien hawn diversi ilmenti fil-lokalita` tal-Qala dwar in-nar piroteknika ta' diversi irhula Ghawdxin li jingab minn Malta li jidhol fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien u wara jingarr minn gol-qalba tal-lokalita` tal-Qala lejn id-diversi irhula. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ddecida li ghandha tintbghat ittra lill-Awtoritajiet kompetenti sabiex isiru rotot alternattivi fejn ikunu l-eqreb ghal post fejn ikun ser jinghata n-nar inkwistjoni.

**10 *Qala International Folk Festival.***

10.1 Il-Kunsill iddiskuta l-*Qala International Folk Festival* 2010, li kien ta' success. Il-Vici Sindku ssuggerixxa li fil-QIFF 2011 ghandha tinghata ghajnuna lil participanti fil-wirja ta' l-Artigjanat, li jsir normalment il-Hadd, sabiex ikunu jistghu jbieghu l-prodotti taghhom. Il-Kunsill applika sabiex jinghata fondi ghall-*Qala International Folk Festival* 2011 taht l-Iskema dwar Inizjattivi t' Attivitajiet 2011 – *memo* 95/2010.

**11 Is-servizz ta' trasport fi zona tal-Kuncizzjoni.**

11.1 Is-Sindku semma li rega nghata bidu ghas-servizz ta' trasport pubbliku fi zona tal-Kuncizzjoni. Il-Kunsill iddiskuta *memo* 31/2010 mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar ir-Riforma fit-Trasport Pubbliku u l-Ghoti ta' Kuntratti/Assenjazzjonijiet mill-Kunsilli Lokali ghal Trasport Pubbliku bi Skeda. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Marie Jeanne Borg fid-Dipartiment fejn gie mitlub jekk il-Kunsill jistax ikompli b'dan is-servizz jew jekk ghandux jitwaqqaf.

**12 Trangar ta' Triq Kappillan Dun Guzepp Vella u xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak mill-Korporazzjoni Enemalta fi Triq il-Papa Piju IX.**

12.1 Is-Sindku semma li sar it-tindif fi Triq Kappillan Dun Guzepp Vella kif ukoll nghatat ftit zrar ukoll sabiex ma jkunx hemm hafna trab. Huwa semma ukoll li ser isir xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak mill-Korporazzjoni Enemalta ta' parti minn Triq il-Papa Piju IX. Dan ix-xoghol ta' *resurfacing* ser isir bhala parti minn ftehim li sar bejn il-Kunsill u l-Korporazzjoni meta saret il-ftuh ta' trinka f'parti minn Triq il-Wileg, Triq il-Mithna u Triq San Guzepp.

QALA

## 13 L-iskart separat.

13.1 Is-Sindku semma li ser isir laqgha bejn il-Green MT u n-negozji kollha tal-lokalita` tal-Qala sabiex jigi spejgat lilhom kif ghandhom jisseparaw l-iskart li jigi ggenerat minn negozji taghhom. Il-Green MT ser tigbor l-iskart separat hi stess minn negozji.

## 14 Materji ohra.

14.1 Gie diskuss li qed isir *enforcement* fuq il-barrieri tal-blat tal-qawwi. Dwar il-kundizzjoni fejn il-Kunsill ghandu jinghata Lm 2,000 fis-sena ghal manutenzjoni tat-toroq, din ghadha pendenti.

14.2 Il-ktejjeb dwar il-Magristrat Salvu Attard gie ppubblikat. Il-Kunsill irringrazzja lis-Segretarju Parlamentari ghal-Konsumatur Gusta, Kunsilli Lokali l-Onorevoli Dr Chris Said peress li dan il-ktieb gie ppubblikat mill-istamperija tal-Gvern b'xejn, lin-Nutar Michael Refalo ta' l-iscript u lil Euchar Mizzi tali imbotta sabiex setgha jigi ppubblikat dan il-ktejjeb. Il-Kunsill iddiskuta l-*launching* ta' dan il-ktieb kif ukoll li ghandu jitqassam kopja f'kull residenza fil-lokalita ` tal-Qala.

14.3 Gew sottomessi tlett applikazzjonijiet dwar skemi ghal fondi. Applikazzjoni minnhom dwar inizjattiva ambjentali biex ticcelebra gheluq l-20 sena hidma tal-Kumpanija Vodafone, *Green Challenge and Community Involvement Awards* u Gieh l-Artigjanat Malti *Awards* 2010.

14.4 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm ta' l-attivitajiet li ser jigu organizzati ghal zmien il-Milied 2010 li huma harga ghall-anzjani u nisa, serata ghall-familja, *football tournaments* u Premju Unur Gieh il-Qala.

14.5 Il-Kunsillier Jesmond Borg staqsa meta ser isiru r-*road humps* fi Triq il-Wileg. Is-Sindku semma li ser isiru fil-gimghat li gejjien.

14.6 Gew mibghuta zewg ittri mill-Kunsill lill-Inginier Riolo tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma. Ittra minnhom dwar ilmenti minn residenti li joqghodu fi Pjazza San Guzepp u Triq in-Nadur li l-ilma li qed jircievu huwa bis-sadid. L-ittra l-ohra dwar ilmenti fuq sbroff ta' drenagg minn tappiera li tinsab fi Triq l-Imgarr.

14.7 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lir-Ruben Said *Asst. Manager Gozo,* f'*Transport Malta,* dwar talba ghal zewg *traffic calmers* fi Triq in-Nadur, Qala.

14.8 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lid-Direttur Generali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar talba ghal *green wardens* prezenti fil-lokalita` tal-Qala.

14.9 Gie trattat ilment minn Victoria Camilleri, dwar kaz li gara lilha fejn kienet ghaddejja minn Triq il-Kuncizzjoni u sabet it-triq maghluqa mill-kuntrattur li kien qed jaghmel xi xoghol

f'din it-triq u li kien hemm nuqqas ta' sinjali li juru li t-triq kienet maghluqa. Il-Kunsill iddecida li ghandu jsir dak mehtieg sabiex il-kuntratturi jigu nformati li ghandhom jaghmlu s-sinjali mehtiega meta jkunu ser jaghlqu xi triq.

14.10 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill, mit-18 t' Awwissu 2010 sal-21 t' Ottubru 2010, minn referenza numru 64/10 sa referenza numru 94/10.

14.11 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-hlasijiet bir-referenza SP 04/2010. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

**15 Korrispondenza.**

15.1 Gew trattati l-ittri, ftehim u notifiki t'avviz li gejjien:

15.2 Ittra datata 16 t'Ottubru 2010 mibghuta mill-President Michael Cohen u s-Segretarju Ezekuttiv Jimmy Magro fl-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Patt tas-Sindki.

15.3 Ittra mibghuta minn Marcon Grima *Nursing Officer NIS* mid-Dipartiment tas-Sahha, dwar il-kampanja ta' l-*Influenza Vaccine 2010.* Il-Kunsill iddecida li ghandu jiehu sehem f'din il-kampanja.

15.4 Ittra datata 27 ta' Settembru 2010 mibghuta mid-Direttur Generali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) Martin Bugelli mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar *Memo* 52/2010 u *Memo* 93/2010 - Skema ta' ghajnuna finanzjarja ghal korsijiet *lifelong learning*.

15.5 Kopja ta' ittra li Dorianne Grech *Senior Environmental Health Officer* mid-*Department for Environment Health* bghatet lid-Direttur Generali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) Martin Bugelli mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar *Radon Survey 2010-2011.* Giet trattata r-risposta tad-Direttur Generali Dorianne Grech fuq din il-materja. Giet trattata ukoll ittra li rcieva l-Kunsill minghand Dorianne Grech dwar dan is-*survey* li ser isir fl-ufficcju tal-Kunsill.

15.6 Ittra mibghuta minn Ruben Said *Asst Manager Gozo* minn *Transport Malta*, dwar approvazzjoni ghat-talba sabiex isiru *double yellow lines* faccata tal-*garage* fi Triq l-Indipendenza.

15.7 Ittra mibghuta minn dra Veronica Veen, dwar talba ghal ghajnuna sabiex jitmexxa l-Muzew Folkloristiku li behsiebu jaghmel il-Kunsill.

15.8 Ittra ta' ringrazzjament mibghuta minn Maria Buttigieg ghad-Direttur Mgr Emanuel Curmi mill-Fondazzjoni Arka, dwar l-ghotja tal-Kunsill lil din il-Fondazzjoni ta' €318 minn bejgh ta' kopji tal-ktieb '*Folklore in the Maltese Islands.*

QALA

15.9 Giet trattat ftehim li gie iffirmat bejn il-Kunsill Lokali Qala u c-Centru ta' Studji 'Parlamento della Legalita`' San Cipirello (PA) l-Italja.

15.10 Notifiki t'avviz mibghuta minn Jonathan Attard ghad-Direttur ta' l-Ippjanar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenzi ECF 00461/10 u ECF 00506/10, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' din qed tigi annessa ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Hamis 2 ta' Dicembru 2010.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |